**18 ta' Ġunju, 1992**

**Imħallef: –**

**Onor. Victor Caruana Colombo LL.D.**

Il-Pulizija

*versus*

Carmelo *sive* Charles Mugliett *et*

**Digriet Interlokutorju – Inappellabilità – Ordni**

*Id-disposizzjoni ta' l-artikolu 415(1) tal-Kap. 9 hi ta' ordni pubbliku u għalhekk in-nullità ta' l-appell għandha tiġi ssollevata mill-Qorti "ex officio".*

Il-Qorti: –

Rat il-verbal tat-3 ta' Lulju, 1991 irreġistrat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) li bih l-imputat Charles Mugliett eċċepixxa n-nulliià ta' l-atti stante li ma ġewx osservati t-termini ffissati mil-liġi fir-rinviju ta' dan il-proċess meta kien għadu fi stadju ta' kumpilazzjoni;

Rat id-digriet tat-8 ta' April, 1992 li bih l-imsemmija Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni msemmija u ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

Rat ir-rikors ta' l-appell li bih l-imputat Carmel *sive* Charles Mugliett talab li din il-Qorti tirrevoka dak id-digriet, tilqa' l-eċċezzjoni in kwistjoni u tiddeċidi li a tenur ta' l-artikolu 449(1)(f)

tal-Kodiċi Kriminali din il-kawża la issa u l-anqas b'ebda żmien ma għandha titmexxa 'l quddiem;

Rat l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali ta' l-intempestività u kwantu tali l-irritwalità u n-nullità tar-rikors ta' l-appell peress illi l-appellant ma hux persuna misjuba ħatja u dan a bażi ta' l-artikolu 413(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali;

Rat l-atti l-oħrajn u kkunsidrat illi:

1. L-artikolu 413(1)(a) tal-Kapitolu 9, li huwa l-bażi ta' l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali, jiddisponi fis-sens li l-persuni biss misjuba ħatja jistgħu jappellaw **mis-sentenzi** tal-Qorti tal-Maġistrati. Id-deċiżjoni appellata mhix sentenza, iżda hija kjarament digriet interlokutorju. L-artikolu 413 ma japplikax għal tali digrieti;

2. Fil-każ odjern huwa applikabbli l-artikolu 415 tal-Kodiċi Kriminali. Fis-sub-artikolu (1) tiegħu dan jiddisponi li l-appell minn digriet interlokutorju li ma jżommx il-kawża milli titmexxa 'l quddiem, jista' jsir biss wara s-sentenza definittiva, u flimkien ma' appell minn din is-sentenza. Dan ifisser li tali digriet jista' jiġi appellat qabel is-sentenza biss jekk ikun ipprekluda l-kontinwazzjoni tal-kawża (Kollez. Vol. XXXVIII.IV.915);

3. Fil-każ preżenti d-digriet appellat ma ppreludiex il-kontinwazzjoni tal-kawża. Tant li b'dak l-istess digriet l-ewwel Qorti ordnat il-prosegwiment tal-kawża;

4. Għalhekk, billi s-sentenza definittiva fil-kawża odjerna għadha ma ngħatatx, l-appell ta' Mugliett huwa tabilħaqq

intempestiv, però mhux a bażi ta' l-artikolu 413(1)(a) tal-Kapitolu 9 kif sottomess fl-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali iżda a bażi tad-disposizzjoni ċitata ta' l-artikolu 415(1) tal-Kapitolu 9;

5. Din id-disposizzjoni hija ta' ordni pubbliku. Di fatti hija evidentament intiża biex tevita l-possibbilità li l-proċedimenti quddiem il-Qrati tal-Maġistrati jiġu nterrotti ma' kull digriet interlokutorju. Għalhekk l-intempestività, u kwindi n-nullità ta' appell bħal dak preżenti, għandhom jiġu ssollevati mill-Qorti "*ex officio*";

Għal dawn ir-raġunijiet tilqa' l-eċċezzjoni ta' l-Avukat Ġenerali għall-motivi premess, fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' din is-sentenza, tiddikjara l-appell ta' l-imputat Mugliett intempestiv u null, u f'dan is-sens tiċħad l-istess appell;

Tordna li l-atti jiġu rimessi lill-ewwel Qorti għall-kontinwazzjoni tal-kawża.